

Il-President tar-Repubblika Dr. Anton Buttigieg qed jigi muri l-kalci ta' l-Isle Adam waqt zjara li ghamel lil Proto-Parrocca ta' San Pawl tar-Rabat ghall-okkazjoni tal-festa ta' Corpus Christi 1978.

# IL-KALCI TAL-GRAMMASTRU L'ISLE ADAM

Wiehed mill-oggetti l-aktar prezzjuzi li tippossedi l-Knisja Kollegjali ta' San Pawl tar-Rabat huwa l-kalci tal-Grammastru L'Isle Adam. Dan il-Grammastru hakem fuq l-Ordni tal-Kavalieri ta' San Gwann ghal tlettax il-sena, mill-1521 sal-1534, l-ewwel f'Rodi u mbaghad f'Malta. Kien hu l-ewwel Grammastru li rabat l-istorja ta' Malta ma' dik ta' l-Ordni tal-Kavalieri u beda s-sensiela ta' 28 grammastru li ghal medda ta' 268 sena hakmu l-gzejjer Maltin.

Il-kalci li fuqu qeghdin nitkellmu jissejjah ta' L'Isle Adam ghax fuq hagra tal-enemel fis-sieq tieghu igib l-arma ta' dan il-Granmastru. Il-materjal ta' dan il-kalci hu fidda mahsula bid-deheb u l-piz tieghu hu zewg libbri u ghaxar uqiji. Barra l-kalci u l-patena ghandu ghatu disinjat biex ighatti l-ostja meta din tkun fuq il-patena. Fis-sieq tieghu barra l-istemma ta' l-Isle Adam ghandu tlett hagriet ohra li jirrapprezentaw l-arma tar-Religjon, ix-xbiha tal-patrun tal-Ordni San Gwann Battista, u l-Krucifissjoni. In-nofs jew l-ghoqda ta' dan il-kalci hi wkoll imzejna b'disa' hagriet ta' l-enamel li jirrapprezentaw lil Kristu, lill-Madonna, lil San Pawl u sitt appostli ohra. L-arma ta' l-Isle Adam fuq is-sieq tal-kalci tfisser li dan il-kalci nhadem, jekk m'hux bl-ordni tieghu, almenu fi zmienu.

Kemm ilu jappartieni lill-Grotta ta' San Pawl dan il-Kalci? Zgur li kien diga' hawn fis-sena 1756, jigifieri aktar minn mitejn u ghoxrin sena ilu, ghax fl-inventarju ta' fided u metalli li sar f'dik is-sena jissemma fit-tieni pagna b'din id-deskriz-

zjoni: **un calice grande con sua patena tutto dorato coll'insegne della Religione e del Gran Maestro l'Isleadamo di peso libre due, ed onze dieci,** jigifieri kalci kbir bil-patena tieghu, indurat, bl-armi tar-Religjon u tal-Grammastru l'Isle Adam, li jizen zewg libbri u ghaxar uqiji. Hemm ukoll possibilita' remota li dan il-kalci kien ga hawn fis-sena 1661 ghax f'manuskritt jismu **Documenti appartenenti alla S. Grotta di San Paolo, f. 247,** f'inventarju qadim tas-sena 1661 jissemmew **calici numero tre, doi sono d'argento e l'altro vi sono l'armi della Religione con li loro pateni d'argento** (3 kalcijiet, tnejn tal-fidda u l-iehor igib l-arma tar-Religjon, bil-plattini taghhom tal-fidda).

Riproduzzjoni sabiha bil-kulur ta' dan il-kalci tinsab fil-kartolini li xi snin ilu l-Kapitlu kien hareg u li dnub li ma jiccirkolawx bizzejjed. Fi studju profond li 9 snin ilu deher fi tlett puntati fir-rivista ngliza **The Connoisseur** ta' Londra u li jgib l-isem **The Treasure of the Conventual Church of St. John at Malta** insibu wkoll riproduzzjoni tieghu u xi kummenti fuqu li hawn sejrin ingibu waqt li naghmlu fuqhom xi osservazzjoni.

L-awtur ta' dan l-artiklu hu studjuz profond, Charles Oman, li ghal bosta snin kien Kuratur tal-Victoria and Albert Museum ta' Londra. Is-suggett ta' l-istudju hu fuq it-tezor ta' San Gwann u l-istudju hu bazat fuq inventarju artistiku li l-Ordni kien ghamel fis-1756 u li llum jinsab konservat fil-Muzew tal-kattidral ta' l-Imdina. Il-valur ta' dan l-inventarju hu, barra d-deskrizzjoni, li sar ftit qabel l-istragi li l-Francizi ghamlu mit-tezor ta' San Gwann, u ghalhekk bis-sahha tieghu nafu x'kien hemm qabel. Dan l-inventarju ma jsemmix il-kalci taghna, izda jsemmi kalci tad-deheb bl-istemma ta' l-Isle Adam u diversi hagriet fuq l-enamel fin-nofs u fis-sieq. Hawn Charles Oman jikkommenta li ghalkemm dan il-kalci ta' l-Isle Adam kollu tad-deheb ma ghadux jezisti, facli wiehed igibu quddiem ghajnejh ghax fil-Kolleggjata tar-Rabat hemm wiehed bhalu (ghalkemm mhux tad-deheb), ukoll bl-istemma ta' L'isle Adam u diversi hagriet fuq l-enamel fin-nofs u fis-sieq.

Oman jiddeskrivi wkoll il-boll ta' dan il-kalci u ighid li hu boll ta' Parigi ghas-sena 1530/31 — izda ma jidentifikax l-isem ta' l-argentier li hadmu. Ighid ukoll li l-istess boll jinsab f'kalci iehor li hemm fil-Knisja tal-Vitorja, l-Belt, boll ta' Parigi ta' l-istess sena. Fl-ahharnett Oman ta' studjuz profond jinnota li minkejja l-krizi finanzjarja ta' l-Ordni kawzata mit-telfiet li garrbet f'Rodi u l-ispiza biex tadatta ruhha f'Malta, il-hakma ta' L-Isle Adam kienet ghadha ma waslitx fl-estremita' li tnaqqas l-ispiza tat-tezor fuq hwejjeg prezzjuzi tal-Knisja. Din il-htiega izda nhasset wara fi zmien La Vallette mhabba l-Assedju u l-bini tal-Belt.

Ikollna nzidu fl-ahharnett li dan l-istudjuz ma igharafx ighati raguni sodisfacjenti ghaliex dan il-kalci u oggetti ohra tal-fidda gew imhollija barra mill-inventarju li huwa studja. Ir-raguni vera hi li xejn mit-tezor tal-grotta ma gie inkluz ghax propju fl-istess sena, l-Ordni ghamel inventarju separat u detteljat tat-tezor kollu tal-Grotta, inventarju li llum jinsab fost il-manoskritti l-ohra fl-arkivju tal-Kollegjata tar-Rabat.

J'Alla dan il-kalci jattira l-attenzjoni ta' studjuzi ohra li forsi ghad jaslu biex jippreciz̄aw mhux biss il-boll tal-pajjiz u s-sena fejn u meta sar, izda wkoll l-isem ta' l-argentier li hadmu.

*KAN. DUN ĠWANN AZZOPARDI*